# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 20 ta' Jannar 2021**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 701/2020 JVC**

**Josephine Camilleri maghrufa bhala 'Josette'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Josephine Camilleri maghrufa bhala 'Josette' kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

Illi hija twieldet fis-6 ta' April 1964 u giet rregistrata fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 2345 tas-sena 1964 bl-isem 'Giuseppa';

Illi minn meta l-esponenti kienet ghadha tarbija, l-genituri, qraba u hbieb tal-iskola dejjem ghajtulha bl-isem 'Josette';

Illi meta l-esponent applikat ghal-ewwel passaport taghha fit-25 ta' Mejju 1986, ma xtaqitx tuza l-isem 'Giuseppa' u minflok ghazlet li tuza l-isem 'Josephine' bhala isem aktar formali;

Illi minkejja din il-bidla fl-isem ta' bla hsieb, l-ismijiet 'Giuseppa' jew 'Josephine' tal-esponent qatt ma kienu jintuzaw, hlief ghal meta kellha bzonn taghmel il-passaport, karta tal-identita' jew licenzja tas-sewqan;

Illi fis-sena 2013 l-esponent kienet tilfet il-karta tal-identita' taghha, u meta marret biex tapplika ghal wahda gdida, l-awtoritijiet kompetenti kienu tawha l-parir sabiex tuza l-isem 'Josephine' biex tirrifletti l-istess isem fil-passaport tas-sena 1986 taghha;

Illi minkejja dan kollu l-esponent baqghet maghrufa bhala 'Josette', bil-konsegwenza ta' konfuzjoni li nholoq fl-identita taghha kull darba li kellha bzonn tuza xi dokkumenti legali;

Illi meta l-esponent marret ghand l-Identity Malta biex tapplika ghal-korrezzjoni ghal-isem 'Josette', dan ma setax isir ghaliex kien gia sar korrezzjoni mhux revokibbli ghal isem 'Josephine' fil-3 ta' Lulju 2013 meta l-esponent tilfet il-karta tal-identita taghha;

Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza sabiex tigi regolata l-pozizzjoni tal-esponenti b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid u taz-zwieg taghha sabiex dawn jirriflettu r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata konfuzjoni;

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai terminu tal-artiklu 254 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-isem li l-esponenti kienet konsistentement maghrufha bih huwa 'Josette Camilleri';

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid bin-numru 2345 tas-sena 1964 u taz-zwieg bin-numru 729 tas-sena 1986 tal-esponenti, u f'kull att pubbliku iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismiha tigi indikata bhala "Josette Camilleri' kull fejn ikun hemm mehtieg;

4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem l-esponenti kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrenti fl-Atti tat-twelid u taz-zwieg taghha jinbidel ghal *'Josette'*. Sabiex tissostanzja t-talba taghha, ir-rikorrenti qieghda tannetti mar-rikors guramentat, numru ta' dokumenti u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi;

3. Illi r-rikorrenti twieldet nhar is-6 t' April, 1964 u nghatat l-ismijiet 'Giuseppa Rita Juliana', u dan kif jixhed l-att ta' twelid originali taghha, hawn anness u mmarkat 'Dok DRP 1'. Kif jixhed l-istess att, kien missier ir-rikorrenti, u cioe Salvatore Fenech, illi ghamel id-dikjarazzjoni relattiva, u ghalhekk ma jistax jinghad illi sar xi zball da parti d-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-registrazzjoni tal-att ta' twelid tar-rikorrenti;

4. Illi, sussegwentement, u cioe fit-3 ta' Lulju 2013, ir-rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni permezz tal-Formula V, taht l-Artikolu 278A tal-Kodici Civili, li permezz taghha talbet alterazzjoni f'isimha fl-Att ta' Twelid taghha sabiex dan ikun 'Josephine' u mhux 'Giuseppa'. Tali dikjarazzjoni hija hawn annessa u mmarkata 'Dok DRP 2'. B'rizultat tat-tali dikjarazzjoni, l-att ta' twelid tar-rikorrenti gie debitament annotat. Tali att ta' twelid qed jigi hawn anness u mmarkat 'Dok DRP 3';

5. Illi fil-kawza odjerna, l-attrici tallega illi l-ismijiet ta' 'Giuseppa' jew 'Josephine' 'qatt ma kienu jintuzaw hlief ghal meta jkollha bzonn taghmel il-passaport, karta tal-identita` jew licenzja tas-sewqan'. Xhieda ta' dan huma d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat, ezempju l-passaport ricenti tar-rikorrenti insinwat bin-numru 1006971 li jiskadi fit-22 ta' Gunju 2021, il-karta tal-identita` ricenti tar-rikorrenti li tiskadi fit-3 ta' Gunju 2025 u l-licenzja tas-sewqan ricenti tar-rikorrenti insinwata bin-numru C0083355 li tiskadi fis-6 ta' April 2029. Nonostante dan, hi tishaq illi hi konsistentement maghrufa bl-isem 'Josette'. Ghalhekk, talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-isem li r-rikorrenti kienet konsistentement maghrufha bih huwa 'Josette Camilleri' u li tordna l-korrezzjonijiet rispettivi fl-Atti tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti kif ukoll kull att pubbliku iehor u fejn ikun hemm il-htiega;

6. Illi, l-esponent joggezzjona ghal tali talbiet. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti diga kienet ghamlet uzu mir-rimedju pprovdut mill-Artikolu 278(A)(2) tal-Kodici Civili permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata u sottomessa mir-rikorrenti stess fil-Formula V, kif spjegat aktar 'l fuq. L-Artikolu 278(A)(3) jghid illi *"Id-dikjarazzjoni maghmula fuq il-Formula V li tinstab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici* ***ghandha tkun irrevokabbli****".* Tajjeb jinghad ukoll illi l-istess dikjarazzjoni (Dok DRP 2) hija carissima fid-dicitura taghha: 'Qed nitlob alterazzjoni tal-isem fl-Att tat-Twelid tieghi u naccetta li l-bdil huwa irrevokabbli skont l-Art. 278A (Kap 16).';

7. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi r-rikorrenti, kif ammettiet hi stess, gieli tuza l-isem 'Josephine' u gieli tuza l-isem 'Josette' iwassal ghal dubji

serji dwar jekk tistax tigi ikkunsidrata attwalment u konsistentement maghrufa bl-isem ta' 'Josette', u dan kif jitlob l-Artikolu 253(2) sabiex issir tali bidla. Bid-dovut rispett, hija r-rikorrenti stess illi qed taghti lok ghal konfuzjoni rigward l-identita` taghha stess b'dan l-uzu ta' diversi ismijiet differenti f'cirkostanzi differenti. Ghaldaqstant, l-esponent jirrileva li, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti hawn fuq riferiti ghandhom jigu michuda *in toto*;

8. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, ir-rikorrenti qieghda titlob ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti kif ukoll f'kull att pubbliku iehor u fejn jkun hemm il-htiega. Illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha u mhux f'dokumenti ufficcjali. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attrici u tordna t-tibdil tal-isem tar-rikorrenti fl-Atti tal-iStat Civili taghha, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, inkluz dawk tat-tfal taghha (jekk ikun il-kaz);

9. Illi in vista tal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti m'ghandhomx jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti;

10. Illi in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew

zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Ikkunsidrat illi mid-dokumenti kollha esebiti fl-atti jirrizulta illi r-rikorrenti sa mit-twelid kienet u ghadha maghrufa bl-isem ta' 'Josette' u mhux 'Josephine' u wisq anqas 'Giuseppa';

Fil-fatt dak suespost jikkonfermawh l-affidavit tal-attrici a fol. 4 tal-process, bosta dokumentazzjoni dwar ezamijiet li ghamlet tul hajjitha u xogholijiet li ghamlet tul hajjitha, kif ukoll dokumentazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u partikolarment Kuntratti Pubblici, kif ukoll karta tal-identita` Maltija a fol. 27 tal-process li turi l-isem 'Josette Camilleri' u l-licenzja tas-sewqan Maltija a fol. 29 tal-process li turi wkoll l-isem ta' 'Josette Camilleri'.

Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet mqajma mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' r-raba', l-hames, is-sitt u s-seba eccezzjonijiet tal-istess Direttur fejn jigi ndikat illi r-rikorrenti mliet il-Formula ai termini tal-Artikolu 278A tal-Kodici Civili w'ghalhekk skontu dik il-formola hija rrevokabbli, il-Qorti

semghet illum stess lir-rikorrenti tixhed illi hija kienet giet mitluba timla u tipprezenta l-formola in kwistjoni stante li f'mument partikolari saret taf illi l-Passaport taghha jindika l-isem ta' 'Giuseppa' u ntqal lilha mill-persuna responsabbli illi jekk timla din il-Formula almenu dan jigi 'Josephine'. Il-Qorti tifhem li r-rikorrenti ma kienetx ben informata bil-konsegwenza ta' din il-Formula u ghalhekk ma tqisx illi din il-Formula ghandha zzommha milli verament jigi ndikat l-isem illi ilha maghrufa bih sa mit-twelid cioe' dak ta' Josette u ghalhekk il-Qorti ser tichad dawn l-eccezzjonijiet da parti tad-Direttur intimat ghal din ir-raguni ;

Il-Qorti stante li tqis li huwa kemm fl-interess tar-rikorrenti kif ukol tal-pubbliku in generali li hija tkun indikata bl-isem li bih hija maghrufa fis-socjeta' ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi;

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata stante li saret id-debita pubblikazzjoni u li hija esebita a fol. 49 tal-process;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-isem li l-esponenti kienet konsistentement maghrufa bih huwa dak ta' 'Josette';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid bin-numru 2345 tas-sena 1964 u taz-zwieg bin-numru 729 tas-sena 1986 tar-rikorrenti, u f'kull att pubbliku iehor relattiv li huwa fil-poter tad-

Direttur intimat u sussegwentement sabiex ismiha jigi ndikat bhala 'Josette' kull fejn ikun mehtieg fl-atti dejjem fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa' r-raba' talba wkoll limitatament ghall-atti li huma fil-poter tad-Direttur intimat;

Stante illi l-korrezzjoni ma' kienetx konsegwenza ta' xi zball tad-Direttur intimat l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti;

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Jannar 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Jannar 2021**